**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 2 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**13811/26**

**JAI 1224**
**FREMP 302**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Is-Salvagwardja tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Valuri Ewropej |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Is-Salvagwardja tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Valuri Ewropej, approvati mill-Kunsill fl-4197 laqgħa tiegħu li saret fit-2 ta' Ottubru 2026.

**ANNESS**

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Is-Salvagwardja tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Valuri Ewropej**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

a. **WARA LI KKUNSIDRA** t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-preambolu u l-Artikoli 3(3) u 6 tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 li jipprevedi li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

b. **WARA LI KKUNSIDRA** t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 10, 19 u 67(3) tiegħu, fejn dan tal-aħħar jobbliga lill-Unjoni tagħmel ħilitha biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, ir-razziżmu u l-ksenofobija;

c. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

d. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali);

e. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali;

f. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, kif riveduta mid-Direttiva 2026/1472 (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi), tas-17 ta' Ġunju 2026, li ssemmi speċifikament il-vittmi ta' reati ta' mibegħda;

g. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/C 93/01 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom tat-12 ta' Marzu 2021, li rrikonoxxiet l-anti-żingariżmu bħala forma speċifika ta' razziżmu kontra l-persuni Rom, kawża ewlenija tal-esklużjoni u d-diskriminazzjoni tagħhom, u ostaklu kbir għall-ugwaljanza; **FILWAQT LI JFAKKAR** fl-impenn li jiġi indirizzat l-anti-żingariżmu permezz tal-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda, u l-esklużjoni strutturali.

h. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE, u filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-korpi tal-ugwaljanza fl-infurzar tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni u fl-appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni;

i. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), li jistabbilixxi obbligi għas-servizzi intermedjarji biex jindirizzaw il-kontenut illegali;

j. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Illegali Online+ u l-kooperazzjoni li għaddejja bejn il-Kummissjoni, il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-servizzi intermedjarji għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda illegali online;

k. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), li jippromwovi l-użu ta' intelliġenza artifiċjali (IA) iċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għan-nondiskriminazzjoni;

l. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2024 dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja, u filwaqt li jirrikonoxxi r-rilevanza tas-sistemi tal-IA għall-amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja u r-riskju ta' preġudizzju algoritmiku f'kuntesti ġudizzjarji;

m. **FILWAQT LI JFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Marzu 2022 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu; **WARA LI KKUNSIDRA** l-komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda" tas-6 ta' Diċembru 2023;

n. **FILWAQT LI JFAKKAR** fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2024 dwar is-sostenn tal-ħajja Lhudija u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu;

o. **WARA LI KKUNSIDRA** l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa aktar inkluživa u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda" tad-9 ta' Diċembru 2021, u filwaqt li jinnota l-iżviluppi sussegwenti fil-proċess leġiżlattiv f'dan il-qasam;

p. **FILWAQT LI JFAKKAR** fil-ħtieġa li tiġi żgurata r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), kif ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban (DDPA), u li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati, fejn meħtieġ, il-mekkaniżmi ta' segwitu tagħhom;

q. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikoli 9 (il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon), 10 (il-libertà tal-espressjoni) u 14 (il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni), li għalihom l-Istati Membri kollha huma partijiet;

r. **FILWAQT LI JILQA'** l-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu 2026 – 2030 u l-approċċi strateġiċi bbażati fuq il-prinċipji deskritti fiha, inkluż l-indirizzar tar-razziżmu strutturali, it-titjib tal-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali jew etnika u raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, l-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, it-tisħiħ tal-ugwaljanza u l-koeżjoni soċjali, it-tisħiħ tal-protezzjoni kontra l-mibegħda razzjali, inkluż online, u t-tisħiħ u t-trawwim ta' sħubijiet ewlenin mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-korpi tal-ugwaljanza, u l-komunitajiet affettwati mir-razziżmu, filwaqt li jirrikonoxxi li l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu miżuri speċifiċi fil-livell nazzjonali;

s. **FILWAQT LI JILQA'** l-isforzi li għaddejjin mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jiġġieldu r-razziżmu, inkluż ir-razziżmu strutturali u r-razziżmu online, b'mod partikolari permezz tal-ħidma tal-grupp ta' esperti dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu li jlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali rilevanti, u l-ħidma tal-Koordinatur tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu;

t. **FILWAQT LI JILQA'** l-isforzi li għaddejjin mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, b'mod partikolari permezz tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda u r-Reati ta' Mibegħda li jlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili;

u. **FILWAQT LI JILQA'** l-isforzi li għaddejjin mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jimplimentaw l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-30), b'mod partikolari permezz tal-grupp ta' ħidma li jlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, rappreżentanti tal-komunitajiet Lhud u partijiet rilevanti oħra, u permezz tal-ħidma tal-Koordinatur dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija;

v. **FILWAQT LI JILQA'** l-isforzi li għaddejjin mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jiġġieldu l-mibegħda anti-Musulmana[1], inkluż permezz tal-ħidma tal-Koordinatur tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana u djalogi strutturati mar-rappreżentanti tal-komunitajiet Musulmani u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; u filwaqt li jirrikonoxxi li l-mibegħda anti-Musulmana tikkostitwixxi forma speċifika ta' diskriminazzjoni, li tista' tidher bħala taħlita ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon kif ukoll fuq l-etniċità, u li tista' taggrava l-iżvantaġġi soċjoekonomiċi eżistenti u ddgħajjef id-drittijiet fundamentali u d-dinjità ta' persuni li jappartjenu għal komunitajiet Musulmani, jew persuni perċepiti bħala tali, madwar l-Unjoni;

---

1 It-terminoloġija użata biex tirreferi għall-fenomeni tvarja: "razziżmu anti-Musulman" jintuża f'xi Stati Membri, filwaqt li "mibegħda anti-Musulmana" jew termini simili jintużaw f'oħrajn. Iż-żewġ termini jistgħu jintużaw ukoll b'mod interkambjabbli. Il-formulazzjoni użata f'dawn il-konklużjonijiet m'għandhiex tinftiehem bħala pożizzjoni mill-Kunsill dwar liema terminoloġija għandha tintuża.

w. **FILWAQT LI JILQA'** l-isforzi li għaddejjin mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jimplimentaw il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030, inkluż permezz ta' oqfsa nazzjonali, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-komunitajiet tar-Rom u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari l-impenn biex jiġi miġġieled l-anti-Żingariżmu bħala forma speċifika ta' razziżmu u diskriminazzjoni; u biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Kummissjoni għall-2030.

x. **WARA LI KKUNSIDRA** l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 1 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u l-intolleranza adottata fl-4 ta' Ottubru 1996, ir-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali riveduta Nru 5 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni anti-Musulmani, adottata fis-16 ta' Marzu 2000 u riveduta fit-8 ta' Diċembru 2021, ir-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 9 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu adottata fil-25 ta' Ġunju 2004 u riveduta fl-1 ta' Lulju 2021, u r-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 13 dwar il-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 u emendata fl-1 ta' Diċembru 2020;

y. **WARA LI KKUNSIDRA** l-ħidma mwettqa mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, speċjalment ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2022)16 tal-20 ta' Mejju 2022 dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2024)4 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda.

z. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Riżoluzzjoni 79/174 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar il-Libertà tar-Reliġjon u t-Twemmin li tikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' intolleranza, diskriminazzjoni u vjolenza bbażati fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

aa. **WARA LI KKUNSIDRAW** ir-Riżoluzzjoni 79/193 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Diċembru 2024 li tipproklama t-Tieni Deċennju Internazzjonali għall-Persuni ta' Dixxendenza Afrikana 2025-2034, filwaqt li jfakkar fl-impenji tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban li jirrikonoxxu l-importanza tat-tisħiħ tal-azzjoni nazzjonali u l-kooperazzjoni internazzjonali u s-sejħiet li jinsabu fid-Dikjarazzjoni li jħeġġu l-parteċipazzjoni ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana fl-aspetti politiċi, ċivili, ekonomiċi, soċjali u kulturali kollha tas-soċjetà;

bb. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Riżoluzzjoni 47/21 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-Afrikani u tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana kontra l-użu eċċessiv tal-forza u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi permezz ta' bidla trasformattiva għall-ġustizzja razzjali u l-ugwaljanza; u filwaqt li jirrikonoxxi li l-prattiki diskriminatorji tat-tfassil ta' profili għandhom impatt detrimentali fuq il-koeżjoni soċjali u jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni razzjali;

cc. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Riżoluzzjoni 76/254 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-15 ta' Marzu 2022, li ddikjarat il-15 ta' Marzu bħala l- "Jum Internazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Iżlamofobija";

dd. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Riżoluzzjoni 76/250 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar iċ-ċaħda tal-Olokawstu tal-20 ta' Jannar 2022;

ee. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** li r-razziżmu jista' jiġi esperjenzat tul il-ħajja, filwaqt li jakkumula u joħloq ostakli persistenti, fenomenu komunement imsejjaħ razziżmu strutturali, li l-impatt tiegħu jista' jkun aktar ta' ħsara minn każijiet iżolati ta' diskriminazzjoni razzjali, peress li jiċħad l-aċċess għal opportunitajiet indaqs u jista' jippersisti għal ġenerazzjonijiet, u li tali ostakli jistgħu jiġu aggravati fejn l-oriġini razzjali jew etnika tingħaqad[2] ma' karatteristiċi oħra bħas-sess, id-diżabilità, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, kif dokumentat b'mod estensiv mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;

ff. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra r-razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni, filwaqt li jinsab imħasseb ħafna dwar it-tnaqqis tal-ispazju ċiviku, inkluż kampanji ta' diżinformazzjoni, diskors ta' mibegħda online, tnaqqis fil-finanzjament, fastidju legali, u theddid fiżiku kontra organizzazzjonijiet kontra r-razziżmu, attivisti, u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u għalhekk **FILWAQT LI JILQA'** l-adozzjoni tal-Istrateġija tas-Soċjetà Ċivili u **FILWAQT LI JFAKKAR** fid-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi (Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika – SLAPPs);

gg. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** li l-pjattaformi online u t-teknoloġiji emerġenti jistgħu jiffaċilitaw it-tixrid u l-amplifikazzjoni rapidi ta' diskors ta' mibegħda illegali, razziżmu, ksenofobija u forom oħra ta' kontenut diskriminatorju, inkluż ir-razziżmu kontra s-Suwed, ir-razziżmu kontra l-Asja, il-mibegħda kontra l-Musulmani, u l-antiżingariżmu, kif ukoll l-antisemitiżmu; u li s-sistemi algoritmiċi u l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva jistgħu joħolqu, jirriproduċu jew jintensifikaw il-preġudizzji soċjetali eżistenti u jikkontribwixxu għat-tixrid ta' kontenut dannuż online u kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati;

---

2 Fit-twettiq ta' tali attivitajiet, il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jqisu sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonali, li hija mifhuma bħala diskriminazzjoni bbażata fuq kombinazzjoni ta' raġunijiet protetti skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1499.

hh. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** li r-razziżmu jista' jwassal għal inugwaljanzi konkreti u li jistgħu jitkejlu, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika, li jistgħu jiġu approfonditi aktar permezz ta' forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, u li, skont stimi reċenti tal-OECD, id-diskriminazzjoni razzjali u etnika tiswa lill-UE sa EUR 12.7 biljun f'PDG mitluf kull sena, filwaqt li jissottolinja li l-ġlieda kontra r-razziżmu mhijiex biss imperattiv morali u legali iżda wkoll investiment strateġiku fil-prosperità u l-koeżjoni tal-Ewropa;

ii. **FILWAQT LI JILQA'** l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) biex tiġbor data komparabbli dwar l-esperjenzi ta' razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni.

jj. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** bi tħassib kbir li r-razziżmu jagħmel ħsara lis-soċjetà b'ħafna modi, u jwassal biex għadd kbir ta' persuni fl-Ewropa jiffaċċjaw diskriminazzjoni, li taffettwa d-dinjità tal-bniedem tagħhom, l-opportunitajiet ta' ħajjithom, il-prosperità tagħhom, il-benesseri tagħhom, u spiss ukoll is-sikurezza personali tagħhom;

kk. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** bi tħassib kbir li ż-żieda fil-mibegħda anti-Musulmana, inklużi attakki fuq individwi u bini Musulmani, wasslet biex ħafna nies Musulmani jadottaw mekkaniżmi ta' sopravvivenza fil-pubbliku, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħajja soċjali jew fl-edukazzjoni biex jiġu evitati l-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni jew l-ostilità.

ll. **FILWAQT LI JIRRIKONOXXI** bi tħassib kbir li ż-żieda sinifikanti ta' antisemitiżmu, b'mod partikolari wara l-attakki terroristiċi brutali mwettqa mill-Ħamas u gruppi terroristiċi oħra kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, il-gwerra sussegwenti f'Gaża u kunflitti oħra fil-Lvant Nofsani kellhom impatt serju fuq il-ħajja Lhudija fl-Ewropa. L-attakki fuq bini u individwi Lhud, kif ukoll l-antisemitiżmu li jaffettwaw lill-persuni fil-ħajja ta' kuljum, wasslu biex ħafna Lhud jaħbu l-identità tagħhom fil-pubbliku, fuq il-post tax-xogħol u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew tal-edukazzjoni għolja.

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,**

1. **IFAKKAR** li r-razziżmu huwa inkompatibbli mal-prinċipji u l-valuri ewlenin li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u jimmina l-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni kollha fis-soċjetà, u jenfasizza l-ħtieġa għal sforz ikkoordinat li jinvolvi l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-korpi tal-ugwaljanza, is-sħab soċjali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

2. **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-impenn tiegħu li jiġġieled ir-razziżmu b'mod komprensiv u sostnut, inkluż billi jintegra l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-politiki rilevanti tal-Unjoni, u billi jrawwem skambji regolari fil-konfigurazzjonijiet u l-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jistieden lill-Istati Membri biex:**

## I. Jagħtu effett lill-istrateġiji tal-UE kontra r-razziżmu u l-oqfsa tal-ugwaljanza

3. **JAPPOĠĠAW** implimentazzjoni robusta tal-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu 2026-2030 fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali billi jaħdmu mill-qrib mal-Koordinatur tal-Kummissjoni maħtur, billi jibnu sħubijiet u jiżguraw appoġġ suffiċjenti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u billi jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-objettivi kontra r-razziżmu fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, inkluż l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, is-sigurtà tas-saħħa, u d-diġitalizzazzjoni; u jaqsmu regolarment informazzjoni mal-Kummissjoni dwar il-progress u l-isfidi.

4. **JAPPOĠĠAW** l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-2030), filwaqt li jaħdmu mill-qrib mal-Koordinatur tal-Kummissjoni maħtur biex jiżgura implimentazzjoni effettiva, inkluż il-miżuri ta' appoġġ immirati lejn is-sostenn tal-ħajja Lhudija madwar l-UE;

5. **JAFFERMAW MILL-ĠDID L-IMPENN** għall-ħidma li għaddejja biex tiġi miġġielda l-mibegħda anti-Musulmana, li tista' tidher bħala taħlita ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon kif ukoll fuq l-etniċità, filwaqt li jiġi żgurat li l-azzjonijiet orizzontali kontra r-razziżmu applikabbli għall-forom kollha ta' razziżmu jindirizzaw ukoll il-mibegħda anti-Musulmana;

6. **JIŻGURAW** l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom f'konformità mal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020–2030, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-antiżingariżmu u t-twettiq ta' progress konkret fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa għall-persuni Rom;

7. **JIŻGURAW** l-applikazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, inkluż f'każijiet ta' diskriminazzjoni intersezzjonali abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika flimkien ma' raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, inkluż is-sess, id-diżabilità, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali; u **JSAĦĦU** l-mekkaniżmi u rimedji ta' infurzar fir-rigward tad-drittijiet relatati mal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom, inkluż l-akkomodazzjoni, biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti madwar l-Unjoni;

8. **JAVVANZAW** l-isforzi biex tiġi żgurata l-ugwaljanza soċjoekonomika, inkluż permezz ta' investiment fl-inklużjoni soċjoekonomika, biex jiġi indirizzat l-impatt tar-razziżmu strutturali, pereżempju f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-impjiegi, l-aċċess għas-servizzi u l-akkomodazzjoni;

## II. Jindirizzaw forom speċifiċi ta' razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni, u jħejju miżuri nazzjonali mmirati

9. **JIŻVILUPPAW, JADOTTAW, JIMPLIMENTAW JEW IĠEDDU** miżuri mmirati kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali, b'mod partikolari pjanijiet ta' azzjoni, programmi jew strateġiji nazzjonali, filwaqt li jiżguraw li dawn jallinjaw mal-istandards Ewropej u internazzjonali, jindirizzaw ir-razziżmu strutturali, jadottaw approċċ intersezzjonali, u jkunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u evalwazzjoni perjodika; bl-istess mod jadottaw approċċi strateġiċi ddedikati li jindirizzaw forom speċifiċi ta' razziżmu meta jkun xieraq; u jikkunsidraw il-ħatra ta' koordinaturi nazzjonali biex jissaħħu l-koordinazzjoni, l-obbligu ta' rendikont u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

10. **JIRRIKONOXXU** li forom differenti ta' razziżmu u diskriminazzjoni jistgħu jippreżentaw u jimmanifestaw ruħhom b'mod differenti f'pajjiżi u kuntesti differenti, u li kull Stat Membru huwa mgħammar bl-aħjar mod biex jiżviluppa pjanijiet ta' azzjoni, programmi jew strateġiji nazzjonali kif xieraq fil-kuntest nazzjonali biex jipprevjeni u jindirizza r-razziżmu u d-diskriminazzjoni fis-soċjetà tiegħu stess;

11. **JIRRIKONOXXU** li filwaqt li l-antisemitiżmu u r-razziżmu jikkoinċidu, peress li ż-żewġ fenomeni jiċħdu l-ugwaljanza bejn l-individwi, huma distinti fil-karatteristiċi tagħhom u jeħtieġu reazzjonijiet politiċi sodi li jqisu l-ispeċifiċitajiet tagħhom kif ukoll l-aspetti komuni tagħhom. **JIMPENJAW** ruħhom li jkomplu jimplimentaw u jagħtu effett lill-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-2030), peress li din tibqa' d-dokument ta' politika primarju tal-UE għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu. F'konformità mal-impenn preċedenti tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha huma mħeġġa jkomplu jużaw id-definizzjoni operattiva mhux legalment vinkolanti tal-antisemitiżmu tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (IHRA).

12. **ISAĦĦU** l-ġlieda kontra l-antiżingariżmu bħala forma speċifika ta' razziżmu u diskriminazzjoni, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-użu tad-definizzjoni operattiva mhux legalment vinkolanti tal-antiżingariżmu/id-diskriminazzjoni kontra r-Rom mill-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (IHRA) biex jissensibilizzaw.

13. **JINDIRIZZAW** ir-razziżmu kontra n-nies suwed bħala forma speċifika ta' razziżmu, li għandu għeruq fondi fil-legati storiċi, inkluż il-kolonjaliżmu, l-iskjavitù, u l-migrazzjoni, u jirrikonoxxu li jeħtieġ attenzjoni sostnuta fil-pjanijiet ta' azzjoni, fil-programmi jew fl-istrateġiji nazzjonali, kif xieraq fil-kuntest nazzjonali, kif ukoll fl-istrateġiji fil-livell tal-UE.

14. **JIRRIKONOXXU** li l-mibegħda anti-Musulmana[3] tista' tkun forma speċifika ta' diskriminazzjoni, diretta kontra l-Musulmani jew dawk perċepiti bħala Musulmani, li tinvolvi ostilità u preġudizzju li jistgħu jidhru bħala taħlita ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon u l-kultura, kif ukoll fuq l-etniċità, u li teħtieġ attenzjoni sostnuta fi pjanijiet ta' azzjoni, programmi jew strateġiji nazzjonali, kif ukoll fi strateġiji fil-livell tal-UE.

## III. Jiġġieldu kemm online kif ukoll offline, id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni

15. **IKOMPLU** jivvalutaw il-lakuni li fadal fil-qafas tal-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, filwaqt li jqisu l-impatt serju tagħhom fuq l-individwi, il-koeżjoni soċjali u l-valuri demokratiċi madwar l-UE.

[3] Il-formulazzjoni użata f'dawn il-konklużjonijiet m'għandhiex tinftiehem bħala pożizzjoni mill-Kunsill dwar liema terminoloġija għandha tintuża biex issir referenza għal mibegħda anti-Musulmana/razziżmu.

16. **JIRRIKONOXXU** li l-iżviluppi ġeopolitiċi, il-kriżijiet tas-soċjetà u l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji diġitali ġodda jistgħu jikkontribwixxu għal żidiet fir-razziżmu, u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda illegali u reati ta' mibegħda fl-Unjoni, u **JIMPENJAW RUĦHOM** li jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu mgħammra biex jirrispondu malajr u b'mod effettiv għal tali żviluppi, inkluż permezz ta' miżuri bħal:

- it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali biex jidentifikaw, jirreġistraw, jinvestigaw u jħarrku r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda illegali, filwaqt li jsaħħu wkoll il-kapaċitajiet tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment id-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni bħala l-pedament ta' soċjetà demokratika;
- l-għoti, kif xieraq u mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, ta' taħriġ immirat lill-persunal tal-infurzar tal-liġi, lill-atturi ġudizzjarji u lill-impjegati taċ-ċivil dwar ir-rikonoxximent u l-ġlieda kontra l-preġudizzju razzjali, it-tfassil diskriminatorju ta' profili u r-reati ta' mibegħda;
- l-iżgurar li l-vittmi jkollhom drittijiet effettivi għall-informazzjoni, il-protezzjoni, l-appoġġ u l-aċċess għall-ġustizzja;

17. **JINKORAĠĠIXXU** lill-vittmi u lix-xhieda tal-inċidenti kollha ta' razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni biex jirrapportaw dawk l-inċidenti u jesploraw modi biex **ITEJBU** s-sistemi għas-sottomissjoni tal-ilmenti, inkluż permezz tal-użu rilevanti ta' mekkaniżmi alternattivi ta' rapportar, bħal għodod ta' rapportar online li joffru anonimità lill-ilmentatur jekk ikun mixtieq, filwaqt li jiżguraw li l-ilmentaturi jiġu appoġġati matul il-proċess kollu;

18. **ISAĦĦU** l-mekkaniżmi għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi biex jikkollaboraw meta jkun possibbli dwar il-monitoraġġ ta' inċidenti ta' razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni, fl-interess li tiġi żviluppata stampa aktar sħiħa ta' inċidenti bħal dawn f'kull Stat Membru filwaqt li tiġi żgurata u protetta l-indipendenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ); u **JINDIRIZZAW** nuqqas sinifikanti ta' rapportar, lill-atturi rilevanti, ta' diskriminazzjoni razzjali u reati ta' mibegħda razzisti u diskors ta' mibegħda, inkluż online, billi tiżdied il-fiduċja bejn il-komunitajiet affettwati, l-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni pubblika.

19. **JIŻGURAW** is-sigurtà ta' persuni li jappartjenu għal gruppi etniċi u reliġjużi minoritarji, inkluż il-postijiet ta' sinifikat kulturali, qima u tifkira tagħhom u jieħdu miżuri protettivi xierqa matul laqgħat reliġjużi u kulturali li jistgħu jkunu f'riskju akbar;

20. **JIŻGURAW** infurzar sħiħ tal-obbligi tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali relatati mal-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi marbuta mad-diskors ta' mibegħda illegali online, u mad-dritt għan-nondiskriminazzjoni, u **JINKORAĠĠIXXU** parteċipazzjoni kontinwa u sinifikanti minn pjattaformi online u fornituri oħra ta' servizzi intermedjarji fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Online Illegali+;

21. **JINKORAĠĠIXXU** b'mod sostenibbli u **JAPPOĠĠAW** lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil entitajiet oħra biex isegwu r-rikonoxximent bħala Sinjalaturi Fdati skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u biex jużaw dan l-istatus biex jiżguraw li l-azzjoni kontra l-kontenut illegali online ta' natura razzista jew diskriminatorja jittieħed aktar malajr u b'mod affidabbli, b'mod konsistenti, filwaqt li jipproteġu wkoll lill-OSĊ minn kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1069;

22. **JIRRIKONOXXU** kemm il-perikli kif ukoll il-benefiċċji ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva u l-intelliġenza artifiċjali b'aġent, u **JIEĦDU PASSI** biex jipprevjenu u jindirizzaw id-diskriminazzjoni algoritmika, il-preġudizzju razzjali u l-amplifikazzjoni tad-diskors ta' mibegħda illegali matul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-katina tal-valur ta' tali teknoloġiji, f'konformità mal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, inkluż il-liġi kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li jiżguraw regoli favorevoli għall-vittmi biex jagħtu prova tad-diskriminazzjoni algoritmika, jorganizzaw ittestjar tekniku tas-sistemi algoritmiċi għall-preġudizzji u d-diskriminazzjoni, u jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kooperazzjoni effettiv bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-korpi tad-drittijiet fundamentali;

23. **JIŻGURAW** li l-vittmi ta' diskors ta' mibegħda illegali online jkollhom aċċess għal mekkaniżmi effettivi ta' rapportar, rimedji legali u servizzi ta' appoġġ, f'konformità mad-Direttiva riveduta dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, u li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu mħarrġa u mgħammra biex jinvestigaw u jħarrku r-reati ta' mibegħda online b'mod effettiv;

## IV. Jiġbru data dwar l-ugwaljanza

24. **JESPLORAW** possibbiltajiet biex itejbu l-ġbir, il-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar l-ugwaljanza fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-oqfsa nazzjonali applikabbli, li jistgħu jinkludu data mqassma skont l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, id-diżabilità u l-istatus soċjoekonomiku, f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u b'rispett għall-prinċipju tal-awtoidentifikazzjoni volontarja; u **JINKORAĠĠIXXU** l-iżvilupp ta' oqfsa metodoloġiċi komuni f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-FRA u l-Eurostat biex jippermettu tqabbil tranżnazzjonali sinifikanti u tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, b'rispett sħiħ għall-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet li jipprevalu f'kull Stat Membru;

## V. Jippromwovu l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni

25. **JISSENSIBILIZZAW** fost il-popolazzjoni tagħhom dwar il-benefiċċji u r-rikkezza tad-diversità tan-nies fl-UE, dwar id-dritt li wieħed ma jiġix diskriminat abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika, ir-rimedji disponibbli għall-vittmi tad-diskriminazzjoni razzjali jew etnika, u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli, b'mod partikolari l-korpi tal-ugwaljanza, dwar l-adozzjoni tal-Istrateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030, u dwar strateġiji ulterjuri tal-UE u nazzjonali biex jiġi miġġieled ir-razziżmu fil-forom kollha, inkluż permezz ta' kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni; ukoll **IRAWMU** djalogu fost gruppi differenti filwaqt li jenfasizzaw l-identità komuni tagħna bħala Ewropej u l-valuri komuni tagħna fl-UE, bħad-demokrazija, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem.

26. **JOSSERVAW** dati internazzjonali rilevanti, bħall-Jum Internazzjonali tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, u jiem ta' tifkira relatati mal-istorja tal-kolonjaliżmu u l-iskjavitù;

27. **IKOMPLU** jiżguraw it-tifkira u l-edukazzjoni tal-Olokawstu u jappellaw b'mod proattiv għaċ-ċaħda, id-distorsjoni u t-trivjalizzazzjoni tal-Olokawstu, f'konformità mad-definizzjoni operattiva mhux legalment vinkolanti tal-IHRA taċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawstu;

28. **JINVOLVU** ruħhom mal-proġett konġunt tal-Kummissjoni mal-UNESCO biex tissaħħaħ l-edukazzjoni kontra r-razziżmu allinjata mal-prijoritajiet tat-tieni ċiklu tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha, u l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu 2026-2030, u jiġi indirizzat ir-razziżmu fil-forom kollha tiegħu fl-edukazzjoni u permezz tagħha billi jiġu inklużi perspettivi storiċi u kontemporanji differenti għall-prevenzjoni tal-vjolenza, il-bullying, id-diskors ta' mibegħda, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni u d-diskriminazzjoni razzjali, u biex jitrawmu ambjenti ta' apprendiment inklużivi u ekwi, u biex jiġu integrati t-tagħlim ta' perspettivi storiċi, pereżempju l-istorja kolonjali, il-kummerċ trans-Atlantiku tal-iskjavi u l-effetti fuq il-popli indiġeni, bħala komponenti ewlenin tal-edukazzjoni kontra r-razziżmu;

## VI. Isaħħu r-reżiljenza demokratika

29. **JIRRIKONOXXU** li r-reżiljenza tad-demokraziji Ewropej tissaħħaħ bil-protezzjoni tal-valuri ewlenin tagħna inkluż il-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u li l-valuri tal-Unjoni huma linja kritika ta' difiża kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) u kampanji ta' diżinformazzjoni, li jisfruttaw b'mod sistematiku r-razziżmu, id-diskriminazzjoni u d-diviżjonijiet tas-soċjetà, u li l-miżuri biex jiġu rispettati dawk il-valuri, inkluż billi jiġi miġġieled ir-razziżmu fil-forom kollha, jikkostitwixxu dimensjoni integrali tal-aġenda usa' tal-Unjoni għar-reżiljenza demokratika kif stabbilit fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija.

30. **FILWAQT LI JILQGĦU** l-inizjattivi tal-Kummissjoni u b'mod partikolari:

- L-adozzjoni tal-ewwel Strateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030, li tibni fuq l-eżiti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu 2020-2025;
- Il-ħatriet mill-2015 tal-Koordinatur tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-Koordinatur tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, u l-Koordinatur tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana, filwaqt li jieħdu nota tal-mandati rispettivi tagħhom, filwaqt li jappellaw għal riżorsi adegwati u ugwali;
- L-iżvilupp ta' qafas legali komprensiv għas-sikurezza, ir-responsabbiltà u t-trasparenza online madwar l-Unjoni Ewropea permezz tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali;

- L-appoġġ finanzjarju kontinwu lill-Istati Membri għal proġetti mmirati lejn is-salvagwardja tad-diversità u d-drittijiet ċivili, b'mod partikolari permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) u s-suċċessur propost tiegħu CERV+ bħala parti mill-programm AGORAEU, mingħajr preġudizzju għad-diskussjoni li għaddejja dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;
- L-isforz konġunt biex tingħata s-setgħa, jiġu protetti u promossi demokraziji b'saħħithom madwar l-UE permezz tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili;
- Il-forniment ta' qafas regolatorju armonizzat għas-sistemi tal-IA fl-UE permezz tal-implimentazzjoni gradwali tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

**JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex:

31. **TKOMPLI** tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu (2026-2030) u l-istrateġiji relatati tal-Unjoni ta' Ugwaljanza[4] f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali billi tintegra l-kunsiderazzjonijiet kontra r-razziżmu u n-nondiskriminazzjoni fil-proposti u l-inizjattivi ta' politika rilevanti tal-Kummissjoni; filwaqt li tiżgura li l-politiki tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, l-antisemitiżmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani jiġu implimentati b'mod ikkoordinat u li jsaħħaħ lil xulxin u jkunu allinjati ma' strateġiji ta' ugwaljanza relatati biex jingħata effett sħiħ lill-approċċ intersezzjonali li jirfed l-Istrateġija Kontra r-Razziżmu;

[4] Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030; L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020–2030.

32. **TIMMONITORJA U TIRRAPPORTA** dwar l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Ugwaljanza, inkluż l-Istrateġija Kontra r-Razziżmu, b'mod komprensiv, strutturat, trasparenti u regolari, li jippermetti evalwazzjoni kontinwa tal-progress li jkun sar, inkluż permezz ta' rapporti ta' progress regolari, abbażi ta' data u analiżi bbażata fuq id-drittijiet mill-FRA, l-Eurostat, il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u s-soċjetà ċivili; tkompli taħdem mal-aġenziji rilevanti tal-UE dwar il-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, inkluż permezz ta' approċċ intersezzjonali; tivvaluta l-progress, l-identifikazzjoni ta' lakuni persistenti u sabiex tirrakkomanda kwalunkwe aġġustament meħtieġ;

33. **TKOMPLI** timmonitorja l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttivi dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u d-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali;

34. **TAPPOĠĠA** lill-Istati Membri fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' azzjoni, programmi u strateġiji nazzjonali kontra r-razziżmu, b'mod partikolari permezz ta' assistenza teknika, eżerċizzji ta' tagħlim reċiproku, il-faċilitazzjoni ta' żjarat ta' studju, il-pubblikazzjoni ta' linji gwida u manwali, u billi tiffaċilita laqgħat regolari tal-grupp ta' esperti dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-Istrateġija Kontra r-Razziżmu;

35. **TAPPOĠĠA** u **TIFFAĊILITA** l-isforzi konġunti li għaddejjin biex jiġu żviluppati definizzjonijiet ta' ħidma mhux vinkolanti dwar ir-razziżmu strutturali u l-mibegħda anti-Musulmana, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ id-definizzjonijiet eżistenti u l-ħidma korrispondenti tal-ECRI;

36. **TIŻGURA**, mingħajr preġudizzju għad-diskussjoni li għaddejja dwar il-QFP li jmiss, appoġġ finanzjarju adegwat u ddedikat għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi tal-ugwaljanza; u tiffaċilita l-Forum tas-Soċjetà Ċivili Kontra r-Razziżmu u l-istabbiliment ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili usa' f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili;

37. **ISAĦĦAĦ** il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment dawk li jaħdmu kontra r-razziżmu u d-drittijiet tal-popli indiġeni[5], il-korpi tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, u **TIFFAĊILITA** skambji tematiċi regolari bejn l-Istati Membri u dawn il-partijiet ikkonċernati.

38. **TAPPOĠĠA** l-isforzi tal-FRA u tal-partijiet ikkonċernati biex iwettqu studji u stħarriġ, inkluż dwar il-ġbir ta' data kwantitattiva flimkien ma' riċerka kwalitattiva, sabiex jittejjeb il-fehim tal-forom kollha ta' razziżmu u diskriminazzjoni**.**

39. **ISSAĦĦAĦ** l-impenn tagħha li tiġġieled kull forma ta' razziżmu u diskriminazzjoni u li tħares id-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej; u **TAFFERMA MILL-ĠDID** li l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-forom kollha tiegħu hija imperattiv fundamentali, legali u strateġiku għall-Unjoni Ewropea, u li Unjoni tal-Ugwaljanza ġenwina teħtieġ azzjoni sostnuta, ambizzjuża u b'riżorsi adegwati fil-livelli kollha ta' governanza.

---

5 Id-drittijiet tal-Popli Indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.